**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 743/2014JB

Kawza Numru: 5

**Joseph Feilazoo**

***vs***

**Direttur tal-Habs u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu l-Attur talab dan li gej:

> Illi r-rikorrenti iddahhal il-habs l-ewwel darba taht arrest fejn gew ikkonfiskati l-oggetti kollha fil-pussess tieghu inkluz gojjellerija.
>
> Il-valur ta' dawn l-oggetti huma ta' madwar EUR 850 u CHF 2,700 li jigu ekwivalenti ghal madwar EUR 2,221.72 (1CHF = 0.822EUR)
>
> Ftit anqas minn sentejn ilu, ir-rikorrenti sar jaf li dawn l-oggetti sfaw nieqsa jew misruqa.
>
> Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' EUR 3071.72.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014;

Ra li l-Konvenuti, debitament notifikati, ipprezentaw risposta nhar il-25 ta' Novembru 2014 li permezz taghha, laqghu ghall-azzjoni attrici kif gej:

> Illi l-esponenti qegħdin iressqu s-segwenti eċċezzjonijiet illi qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzu għal xulxin:
>
> 1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> 2. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dan ai termini ta'l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent jammontaw biss għall-akkużi fiergħa u malafamanti fil-konfront tal-esponenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

4. Illi kif anke ġie indikat fl-ittra uffiċjali responsiva tagħhom tat-2 ta' Settembru 2014 (kopja legali qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok DH1), kull oġġett li kellu r-rikorrent fil-pussess tiegħu fil-mument li ddaħħal fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, ġie elenkat f'lista fil-preżenza tiegħu, liema lista ġiet anke maqbula u ffirmata minnu u rreġistrata fir-records tal-istess Faċilita;

5. Illi l-oġġetti li kellu fil-pussess tiegħu r-rikorrent fil-mument li ddaħħal fil-Faċilita' għadhom qegħdin jinżammu mill-awtoritajiet tal-istess Faċilita' skond kif titlob il-liġi;

6. Illi fi kwalunkwe każ u strettament mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrent jeħtieġ li jġib prova ta' x'kienu l-oġġetti li qed jallega li sab neqsin u prova ta' kemm kien il-valur ta' kull oġġett li allegatament sab nieqes;

7. Illi fl-aħħar nett l-esponenti jirrelevaw illi dak li qed jallega r-rikorrent hija akkuża ta' malafama kontra uffiċjali pubbliċi u għalhekk l-esponenti jesiġu li din jew tiġi rtirata jew pruvata, altrimenti jirriżervaw id-dritt li jieħdu dawk il-passi kollha permessi mill-liġi sabiex jipproteġu r-reputazzjoni professjonali ta' l-istess uffiċjali pubbliċi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014 (a fol 13) fejn gie registrat il-qbil li l-kawza tinstema' bil-lingwa Maltija;

Ra li fl-istess seduta l-Attur irtira l-kawza fil-konfront tal-Ministru konvenut ghad li zamm ferma l-azzjoni fil-konfront tad-Direttur konvenut;

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2015 (a fol 96) fejn l-Attur irrinunzja ghax-xhieda tax-xhud Anna Vella li ghad li xehdet fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 (*vide* verbal a fol 17), din ma tinsabx fil-process;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, l-Attur qieghed jitlob li l-Konvenut Direttur tal-Habs jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €3,071.72 rapprezentanti valur ta' oggetti li wara li gew konfiskati mal-ammissjoni tal-Attur gewwa l-Facilita Korrettuva ta' Kordin, sfaw misruqa jew nieqsa. Il-Konvenut qieghed jilqa' ghal din l-azzjoni billi jeccepixxi li l-pretensjonijiet tal-Attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jammontaw biss għal akkużi fiergħa u malafamanti, li l-oġġetti li kellu fil-pussess tiegħu l-Attur fil-mument li ddaħħal fil-Faċilita' għadhom qegħdin jinżammu mill-awtoritajiet tal-istess Faċilita' skond kif titlob il-liġi u li fi kwalunkwe każ, l-Attur jeħtieġ li jġib prova ta' x'kienu l-oġġetti li qed jallega li sab neqsin u prova ta' kemm kien il-valur ta' kull oġġett li allegatament sab nieqes;

In vista tal-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014 (a fol 13) fejn gie registrat li l-Attur qieghed jirtira l-kawza fil-konfront tal-Ministru konvenut ghad li zamm ferma l-azzjoni fil-konfront tad-Direttur konvenut, it-Tribunal se jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni u cjoe dik li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dan ai termini tal-Art. 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi mill-assjem tal-provi, irrizulta dan li gej:

Vincent Vassallo, Senior Correctional Officer xehed (a fol 18) x'inhi l-procedura meta jittiehed prigunier gewwa l-Habs. Jghid li jinzamm registru fejn hemm pagna ghal kull prigunier. Jghid li f'dan ir-registru jigu elenkati l-oggetti li l-prigunier ma jistax izomm fuqu. Hemm *locker* fejn jinzammu dawn l-oggetti. Jghid li dawn l-oggetti jintraddu lura jew meta l-prigunier ikun se jhalli l-Facilita Korrettiva jew inkella jekk il-prigunier iressaq persuna sabiex tehodhom f'ismu barra mill-Habs. In kontro-ezami, ix-xhud spjega kif jinzammu oggetti kbar bhal bagalji ta' prigunieri barranin u qal li prigunier li jkun irid jispezzjonha l-affarijiet tieghu ghandu jedd jaghmel dan. Spjega li jekk gol-bagalji jinstabu oggetti ta' valur dawn jghaddu fis-sezzjoni tieghu u spjega wkoll li jkun hemm cirkostanzi fejn prigunier jaghzel li jghaddi oggetti ta' valur taht il-harsien tal-facilita ghad li jkun jista' jzommhom. Isemmi bhala ezampju arloggi ta' valur;

L-Attur ipprezenta nota (a fol 25) fejn elenka l-oggetti li kellu fil-pussess tieghu dak in-nhar li ddahhal il-Habs u cjoe:

(i) Cintorin;
(ii) Nuccali tax-xemx;
(iii) Bott fwieha;
(iv) *Choker* tad-deheb;
(v) Tliet imsielet (*fake*);
(vi) Katina b'pendent maghha;
(vii) Curkett tal-fidda;

David Scerri, *ASCO,* xehed (a fol 29) u spjega x'inhi l-procedura meta persuna tidhol il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Prigunier jidhol mill-*Main Gate* mal-Pulizija, qal li fil-kaz tal-Attur kien hemm zewg surgenti, kuntistabbli u spettur. Wara li jidhol fil-*main gate*, *correctional officer* jirregistrah u ssir tfittxija, f'ambjenti apposta fil-prezenza tal-Pulizija. Jghid li fil-kaz tal-Attur kien hemm mieghu il-Pulizija u kif ukoll membri tal-i*Special Response Team,* senjatament Raymond Theuma li jghid li m'ghadux jahdem il-habs. Jghid li l-prassi normali hi li jfittxu anke fil-hwejjeg u fuqu personali, jekk ikollu xi flus, xi *mobile* jew xi gjojjelerija jew affarijiet simili ta' valur imorru fir-*records office* fil-presenza tal-Pulizija. Qabel ma ssir it-tfittxija gol-kamra mwarrba jkun hemm tfittxija li tkun tista' ssir barra qisu fil-pubbliku fuq mejda, meta jkun hemm dik aktar personali ssir f'kamra zghira u jistghu jidhlu tnejn biss, ufficcjal tal-SRT u pulizija wiehed. Jghid li jaf li mal-attur dahal CO 133 imma l-pulizija ma jafx min kien. Jghid li tfittxija qatt ma ssir minghajr il-presenza ta' dawn iz-zewg ufficjali. Ir-*records office* jitla' l-pulizija bl-affarijiet. Jghid li generalment ikun hemm il-maggur Vince Vassallo imma ma jafx min kien hemm dak inhar tal-ammissjoni tal-Attur. Jghid li meta l-prigunier imur quddiem il-maggur jiffirma ghal affarijiet li jkun dahhal. Igibhomlu l-maggur jew min ikun hemm minfloku u jkun hemm il-firma tal-maggur jew min ikun hemm minfloku u d-dokumenti jigu kontro-ffirmati mill-istess prigunier. Ikun hemm ukoll il-presenza tal-pulizija. Spjega li peress li l-Attur kien gej minn barra kellu xi bagalji li ttiehdu fl-istore fejn jinzammu ta' dawk il-prigunieri li ma ghandhomx familja

f'Malta. Jghid li f'dan il-kaz, CO 119 kien fil-*control room* u kien nizel hu u ha l-bagalji gewwa l-istore. Jghid li din kienet is-sistema li kienet tezisti dak iz-zminijiet. Ix-xhudipprezenta wkoll xi dokumenti u cjoe inventarji ta' oggetti li tnehhew mill-bagalji kif ukoll dokument li juri li meta saret spezzjoni mix-xhud fil-prezenza tal-Attur u ufficjal iehor tal-habs, fil-bagalja tal-Attur ma nstab xejn. Temm jghid li l-maggur Vince Vassallo bhalissa qieghed sospiz.

L-Attur xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 35) u stqarr li meta dahal il-habs fl-2008, waqt it-tfittxija l-ufficcjali tal-SRT nehhew xi gjojjellerija mill-bagalja tieghu u avzawh li dawn kienu se jinzammu separatament mill-bagalji tieghu. Jghid li dawn l-oggetti kienu jikkonsistu f'gizirana hoxna, curkett tal-fidda, zewg pendenti tal-fidda, u tliet imsielet. Jghid li ttiehed quddiem Maggur tal-Habs u gie mgieghel inehhi l-gjojellerija li kellu fuqu. Jghid li imbaghad ufficcjal iehor tal-SRT ha l-bagalja tieghu u tah ircevuta tal-kontenut taghha. Jghid li dan hu l-uniku dokument li nghata dak in-nhar. Jghid li minkejja li nghata ricevuta, din ma kienetx telenka l-oggetti kollha li kien hemm fil-bagalja. Jghid li fl-2012 mar ma' Maggur iehor fil-post fejn izommu l-bagalji biex jiehu *charger* tal-*walkman* u induna li l-bagalja kienet infethet u sab nuccali tax-xemx, cinturin u flixkun fwieha nieqsin. Hu mar jirraporta dan lis-Suprintendent tal-Habs li baghtet ghall-ufficjal li kien qed jakkumpanjah u kkonferma dak li kien qal. Jghid li kif ra hekk ried jaccerta ruhu li l-gojjellerija li kellu kienet fiz-zgur u ttiehed fl-ufficcju tal-Maggur li gab l-oggetti tal-Attur. Dan induna li l-gojjelli li kienu ttehdulu dak in-nhar li gie ammess il-Habs ma kienux hemm u staqsa jekk dawn kienux mizmuma band'ohra. Jghid li wiegbuh fin-negattiv u mar mill-gdid ghand is-Suprintendent tal-Habs. Jghid li sar stharrig ulterjuri izda dan ma ta l-ebda rizultat sodisfacenti. Jghid li s-Suprintendent tal-Habs haditu jirraporta ghand id-Direttur tal-Habs, Abraham Zammit. Dan ircieva l-ilment tal-Attur u qallu lli kien se jinvestiga. Qallu li kien se jkellem ukoll lill-Ispettur li kien arrestah. Jghid li stenna sena ghar-risposta u fil-frattemp id-Direttur tal-Habs kien spicca. Meta gie appuntat is-Sur Camilleri bhala Direttur, l-Attur mar ikellmu mill-gdid u qallu li kien ilu sena jistenna taghrif. Jghid li d-Direttur il-gdid talab lis-Suprintendent biex tgharraf lill-Pulizija halli jinvestigaw. Wara li anke Camilleri spicca minn Direttur, inhatar direttur gdid u l-Attur jghid li mar ikellmu wara ftit gimghat precizament biex jara ghalfejn il-pulizija ma kienux kellmuh. Jghid li d-Direttur wiegbu li l-Pulizija kellhom x'jaghmlu u li meta jkollhom anqas x'jaghmlu jigu jkellmuh. Jghid li kellem anke gurnalista. Jghid li hu ma rcieva xejn u jghid li gie assoggettat ghal trattament umiljanti u sa spicca maqful f'Division 5 ghal mitt jum. Jghid li l-valur tal-oggetti nieqsa huwa ta' €3,071.72 maqsumin kif gej: katina tad-deheb: CHF1,800; Curkett tad-deheb: CHF700; Gizirana: CHF200; imsielet: €250; Cinturin tad-ditta Gucci: €300 u fwieha: €50. Jghid li mghandux ricevuti ta' dawn l-oggetti peress li hu akkwistahom minn barra minn Malta;

Meta xehed in kontro-ezami (a fol 57), l-Attur stqarr li wara xahar li ddahhal gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin mar fil-post fejn kienu jinzammu l-bagalji biex jiehu xi oggetti. Imbaghad mar lura madwar tliet snin u nofs wara u nduna li l-bagalja ma kienetx issiggillata. Jghid x'oggetti instabu nieqsa.

Is-Supretendent Abraham Zammit xehed (a fol 58) li fil-perjodu in dizamina kien direttur tal-habs u baqa' f'din il-kariga sa April 2013. Spjega li meta l-prigunieri jittiehdu l-Habs wara l-Qorti jigu skortati mill-ufficjali tal-Pulizija, imorru gewwa l-"SRT Room" u hemmhekk issir tfittxija fuqhom imbaghad jittiehdu f'dak li jissejjah "Records Office" u jittiehdu minn fuqhom affarijiet per ezempju flus, deheb, *mobile phones*. Wara dan huma jergghu jinzlu fl-SRT Room fejn hemm jinghataw affarijiet bhal *bedding* u affarijiet simili. Jghid li meta jigu prigunieri li jkunu strangieri u jiehdu maghhom certu affarijiet li ma jistghux idahhluhom fic-celel taghhom u jkollhom anke *luggage*, dawn jittiehdu u jigi ssiggilati (issiljati) f'kamra

ohra. Jghid li s-sigill ikollu numru u jekk dan is-sigill ghal xi raguni jigi miftuh, jerga' jsir sigill iehor generalment b'numru differenti. Jghid li l-Attur fl-2012 kien mar jghidlu li sab certu affarijiet neqsin mil-bagalja. Jghid li l-Attur kien immedjatament qallu li ma kellux problema mar-*Records Office* imma li kellu problema rigwardanti l-affarijiet li kien halla fil-bagalja. Jghid li l-*policy* tal-habs hi li l-affarijiet ta' valur iridu jithallew fir-*Records Office* u hemm tinghata deskrizzjoni generali ta' dak li jkun thalla. Jghid hekk: "*per ezempju jekk ikun halla xi haga li hi kulur id-deheb ahna nghidu li halla xi haga kulur id-deheb mhux se nidhlu u nghidu li deheb jew fidda u affarijiet simili ghax ahna ma jkollnix metodu kif nanalizzaw dak l-affarijiet li qed jigu affarijiet*". Jghid li fil-bagalji ma jistghux jithallew affarijiet ta' valur ghad li tigi kompilata lista ukoll imma din ma tkunx iddettaljata daqs dik li jkun hemm fir-*Records Office* peress li ma jkunux affarijiet ta' valur. Jispjega li ma joqghodux iduru oggett oggett ghad li jekk ikunu affarijiet naqra aktar partikolari, jinzamm *record* taghhom. Jghid li din hija prassi u qed jghidu mill-esperjenza personali tieghu u mhux f'dan il-kaz partikolari. Jinsisti wkoll li bhala prassi generali, meta jkun hemm xi affarijiet ta' valur u ma jkunux fuq il-persuna diretta tal-persuna li tressqet il-Qorti dawn ikunu gew esebiti l-Qorti stess u mhux jigu mal-eventwali prigunier il-habs. Dawk li jkunu fil-bagalja fil-fatt l-aktar li jkunu gew esebiti l-Qorti. B'riferenza ghall-affidavit tal-Attur jghid li lill-Attur kien qallu li se jinvestiga izda bl-ebda mod ma indika li kien qed jemmen dak li kien qallu. Jghid li ftit xhur wara kien spicca minn Direttur il-Habs. Jghid li fix-xhur li kien ghadu fil-kariga il-"*humiliating experiences*" li semma' l-Attur ma gewx rapurtati lilu. Jghid li kien ta *update* ta' dak li kien qed jinvestiga u jekk jiftakar sew kien qallu li kellem lill-Ispettur prosekutur tal-kaz li dwaru l-Attur gie mibghut il-habs. In kontro-ezami jghid li fir-"*Records Office"* kien hemm is-Surgent Zammit u kien hemm ukoll il-Maggur Vince Vassallo u sussegwentement wara Zammit kienu dahlu Helenio Galea u Michael Micallef. Jghid li l-kustodja tar-"*Records Office"* kienet taqa' taht responsabbilita ta' ufficcjali differenti minn dawk li jiehdu hsieb il-post fejn jinzammu il-bagalji. Jghid li kif wasallu l-ilment dwar id-djamanti u d-deheb immedjatament eskluda l-bagalji mill-investigazzjoni tieghu "*ghax minn kif tahdem is-sistema [qies] li l-uniku post fejn setghu gew neqsin dawn l-affarijiet kienu mir-'*Records Office*'.*" Zammit jikkonferma li l-Attur kien qallu li l-bagalja kellha affarijiet neqsin, izda ma jiftakarx jekk semmielux li kellha s-sigill mhux komplet. Mitlub jispjega x'jigri meta jkun hemm kaz ta' allegat reat fil-habs, Zammit spjega li skond ir-Regolamenti tal-Habs il-gwardjani ghandhom l-istess poteri ta' pulizija fil-habs u meta jkunu mal-prigunieri barra mill-habs u kompla hekk:

> Issa ahna li naghmlu fil-fatt u hekk ghamilna f'dan il-kaz hu li l-ewwel ghamilna l-investigazzjonijiet ahna qisek mort taghmel rapport go ghassa umbghad jekk naraw li hemm affarijiet li hemm bzonn forsi aktar jidhlu fil-fond naghmlu rapport l-ghassa. Ma jistax ikun li naqbad u naghmel rapport l-ghassa kull darba ghax ikun mhux daqshekk efficjenti daqs din is-sistema li qed nispjega illum. Issa fil-kaz in dizamina wara li bdejt l-investigazzjoni, wara li kellimt l-ispettur li qalli li kieku kellu d-deheb fil-bagalja dan kien jiddepozithom il-Qorti anyway, wara li kien hemm din il-haga li l-prigunier qed jghid li ghamel id-deheb etc fil-bagalja meta jien naf li dan ma jistax jaghmlu ghax irid bil-fors jaghmilhom fir-records office, wara li mort ir-records office u mir-records office ma rrizultalix li ma kellux dawn l-affarijiet ddepozitati fir-records office li kien qed jallega, wara wkoll il-fatt li dawn kienu ghaddew erba' snin jiena gejt ghall-konkluzjoni li ma kellix nimxi aktar il-quddiem minn hekk. Ahna ma ghandniex sistema li naghmlu PIRS tal-pulizija biex nifthemu fejn innizlu dawn l-affarijet x'ghamilna u ma ghamilniex lanqas ma ghandna. Jiena qed jigi ssugerit lili li fit-2013 fil-fatt umbaghad iddahhal rapport il-pulizija jiena dan mhux qed neskludih imma waqt li kont hemm jien ma hassejtx li kien hemm bzonn li jsir rapport lill-Pulizija. Jekk xi hadd iehor ghamlu dak ovvjament opinjoni tieghu. Ma nafx x'kien l-ezitu tar-rapport tal-Pulizija. Generalment il-prassi hi meta jkun affarijiet ta' valur mhux fuq il-persuna tal-persuna li giet arrestata dawn generalment l-ispettur jew xi hadd imqabbad mieghu jaghmel elenku ta' dawn l-affarijiet, jiffirma dak li jkun ghalihom imbaghad izommhom l-ispettur *safe keeping* sakemm jigi imressaq l-imputat u dawn jigu esebiti l-Qorti.

Ray Theuma xehed (a fol 61) u spjega l-procedura li tigi segwita meta jiddahhal prigunier il-Habs. Jghid li prigunier ssirlu *strip search* meta jiddahhal il-Habs u oggetti ta' valur jitqieghdu f'envelope u jittiehdu fir-"*Records Office.*" Jghid li dan l-envelope jittiehed mal-prigunier u mal-iskorta gewwa r-"*Records Office.*" B'riferenza ghal dak li qal l-Attur fl-affidavit tieghu meta qal li l-oggetti ta' valur ittehdulu gewwa r-"*Records Office*" jghid li dan mhux possibbli peress li fl-i*strip search* kien tnehha kull oggett ta' valur minn fuq il-persuna tal-Attur.

Quddiem din l-istqarrija, it-Tribunal ordna konfront bejn l-Attur u Theuma u gie verbalizzat dan li gej:

> Under the same oath the plaintiff confirms that when he was strip searched the things of value were taken and put away in another room and they were never taken in the records office and this is why he had things of a certain value which he wanted to place in the luggage because they were too large for him to go around wearing them and he went to the records office he had still light jewellery on his person.
>
> Ix-xhud f'dan l-istadju jikkonferma li jeskludi li xi hadd iccaqlaq qabel is-search kollha kienet konkluza u jeskludi li l-attur xi mument tela' hdejn ir-records office bil-gojjelli ghadhom fuqu.

Imbaghad in kontro-ezami, Theuma qal li hu qieghed joqghod fuq il-procedura generali altru milli fuq dak li gara fil-kaz in dizanima. Jghid li ma jistax jghid bil-preciz x'gara meta l-Attur iddahhal il-Habs.

L-Ufficcjal Korrettiv Helenio Galea xehed (a fol 62) li sa mill-2011 kien addett fl-Ufficju tar-Records u r-Registry. Ikkonferma li qabel kein hemm il-Maggur Vassallo u s-Surgent Zammit. Qal li fl-2011 kien involut fl-investigazzjoni li saret meta l-Attur allega li kellu xi affarijiet neqsin u kkonferma li hu personalment kien dar l-affarijiet li kellu l-Attur u qal li l-affarijiet li hemm elenkati fl-ircevuta a fol 21 ghadhom hemm.

L-Ufficcjal Korrettiv Darren Scicluna xehed (a fol 62) li hu addett fil-*Control Room* fejn isir il-monitoragg. Jghid fl-2008 kienu jiehdu hsieb izommu wkoll il-bagalji tal-prigunieri u kienu anke jaghmlu elenku tal-oggetti. Ix-xhud ikkonferma l-ircevuta a fol 32. Rigward l-affidavit tal-Attur (a fol 35) fejn dan stqarr li ma tnizzilx kollox f'din ir-ricevuta, ix-xhud qal li ma jiftakarx dan il-kaz izda kkonferma li dak li jsib fil-bagalji jnizzlu kollu. Jghid li hu mar mal-Attur ricentement biex jara l-affarijiet li hemm fil-bagalji u ha xi ritratti. Ix-xhud qal ukoll li hu mar fic-cella tal-Attur biex jiehu xi ritratti u anke hadu xi ritratti. Jghid li sabu biss xi hwejjeg ta' ditta partikolari, mhux ta' valur, jew designer.

Is-Surgent Oscar Baldacchino xehed ukoll (a fol 63) u stqarr li fl-2008 kien stazzjonat fid-*Drug Squad*. Jghid li ma jiftakarx li kien hu li skorta lill-Attur il-habs fit-2008, ghad li ma eskludhiex. Hu spjega x'kien jigri meta kien jeskorta prigunier lejn il-Habs.

L-Ispettur Victor Aquilina xehed (a fol 77) li fl-2008 kien spettur stazzjonat fid-*Drug Squad*. Qal li l-Attur gie arrestat mal-wasla tieghu f'Malta u wara li tressaq quddiemu kien gie mixli b'diversi akkuzi relatati mad-drogi. Jghid li ma jiftakrx x'kellu u ma kellux fil-pussess tieghu l-Attur izda jghid li kwalunkwe haga ta' valur ikun ikkonfiskaha u pprezentaha fl-atti tal-kawza kriminali. Jghid madankollu li ma jiftakarx x'gara fil-kaz tal-Attur.

Ikkunsidra;

Illi minn dak li ssottometta l-Attur, jidher li dan qieghed jallega li hu nsteraq tlitt darbiet u cjoe:

(i) Meta dahal il-habs f'Awissu 2008 fejn ittehditlu l-gojjellerija u ma tnizzlitx fir-registru;
(ii) Mill-bagalja li kienet qed tinzamm f'post fejn jinzammu l-bagalji;
(iii) Mill-gdid mill-bagalja li kienet qed tinzamm f'post fejn jinzammu l-bagalji;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Attur qieghed isostni li meta dahal il-habs fl-2008, waqt it-tfittxija, l-ufficcjali tal-SRT nehhew xi gjojjellerija (gizirana hoxna, curkett tal-fidda, zewg pendenti tal-fidda, u tliet imsielet) mill-bagalja tieghu u avzawh li dawn kienu se jinzammu separatament. Dawn ittehdulu meta ttiehed quddiem Maggur tal-Habs fil-waqt li ufficcjal iehor tal-SRT ha l-bagalja tieghu u tah ircevuta tal-kontenut taghha. Bhala dokumenti, jghid li l-uniku dokument li nghata dak in-nhar kienet proprju dik l-ircevuta li ma kienetx telenka l-oggetti kollha li kellu. Mill-banda 'l ohra, il-Konvenuti ressqu diversi xhieda li spjegaw x'inhi l-procedura li tigi segwita meta jigi ammess prigunier fil-Habs. Irid jinghad li d-diversi xhieda generalment qablu bejniethom dwar il-procedura segwita.

Illi jrid jinghad, in vista ta' dak sottomess mill-intimati fin-nota ta' osservazzjonijiet (a fol 82), li effettivament, l-intimati qeghdin jirrikonoxxu li xi oggetti sfaw nieqsa. Fil-fatt, fin-nota tal-konvenuti jinghad *inter alia*, kif gej:

> Illi fir-rigward tac-cintorin, nuccali tax-xemx u tal-bott fwieha l-esponenti jirrikonoxxu illi ngabet prova illi dawn l-oggetti ddahhlu gewwa l-habs u jirrikonoxxu wkoll illi ma ngabet l-ebda spjegazzjoni ta' kif dawn l-oggetti mghadhomx hemm… L-esponenti jirrikonoxxu illi spjegazzjoni konkreta ta' x'sar minn dawn l-oggetti mghandhomx. Ghaldaqstant, f'dan ir-rigward l-esponenti jirrimettu ruhhom ghal gudizzju ta' dan… it-Tribunal.

It-Tribunal gharbel din is-sottomissjoni fit-tul, u jqis li ma jistax ma jirrikonoxxix li biha d-Direttur Konvenut qieghed jammetti li s-sistema minnu adoperata, almenu fil-kaz odjern, falliet. Mhemmx dubju li d-Direttur Konvenut huwa depozitarju tal-oggetti li jithallew mieghu u kwindi, kif jipprovdi l-Art. 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16) "*għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu*." Obbligu li ghandu jigi interpretat b'mod aktar sever tenut kont li d-Direttur Konvenut joffri – in vista tal-ufficcju tieghu – li jagixxi bhala depozitarju. Evidentement, din is-sottomissjoni xxejjen l-ewwel, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenuti u fuq riportati. Ghalhekk, certament li fejn imiss mal-oggetti li dwarhom mhemmx kontestazzjoni li gew fil-fatt nieqsa, l-azzjoni attrici tirnexxi.

Illi mill-banda 'l ohra, tqanqlu dubji dwar oggetti ohra li fi kliem l-intimati ma tezisti l-ebda prova li effettivament iddahhlu fil-Habs. Rinfaccjat bix-xhieda tad-diversi ufficcjali tal-Habs li xehedu dwar il-proceduri segwiti, it-Tribunal qies dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Habs (L.S. 260.03) fejn jirrigwarda l-ammissjoni ta' prigunieri fil-Habs u proceduri li ghandhom jigi segwiti. Ghall-kompletezza, ir-regolamenti rilevanti qed jigu riportati fl-intier taghhom, kif gej:

> 6. (1) Mad-dhul tieghu fil-habs u wara dan kull meta jitqies li jkun mehtieg, ghandha ssir tfittxija fuq kull prigunier b'dak il-mod u minn dawk l-ufficjali tal-habs li d-Direttur iqis li jkunu xierqa.
>
> (2) It-tfittix fuq prigunier ghandu jsir b'osservanza kif imiss tad-decenza u tad-dinjità personali u bl-aktar mod dekoruz li jkun konsistenti mal-htiega ta' kxif ta' xi oggett mohbi.

(3) Prigunier jista' jigi ordnat jinza' hwejjgu sabiex issirlu tfittxija kif provdut fis-subregolament (4). Il-prigunier jista' waqt dik it-tfittxija jehtieg il-prezenza ta' ufficjal tal-habs iehor disponibbli.

(4) (a) Id-Direttur jista' jordna tfittxija, inkluza spezzjoni vizwali tal-kavitajiet tal-gisem, sabiex jigi zgurat li l-prigunier ma jkunx qed igorr fuqu xi oggett projbit.
…

(5) Id-Direttur ghandu jzomm registru ta' kull tfittxija ordnata taht is-subregolament (4), waqt li jindika fih il-prigunier imfittex u r-ragunijiet ghall-ordni tat-tfittxija, kif ukoll ir-rizultati ta' dik it-tfittxija.

(6) Kull tfittxija fuq il-persuna ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' l-istess sess, f'post privat u mohbija minn ghajnejn persuni ohra.

7. (1) Registru ta' kull dhul fil-habs u helsien mill-habs u *record* personali ta' kull prigunier ghandu jinzamm mid-Direttur jew minn xi ufficjal tal-habs awtorizzat minnu ghal dan il-ghan.

(2) Kif prigunier jiddahhal il-habs, ghandhom minnufih jitnizzlu fir-registru tad-dhul id-dettalji essenzjali tad-dokument biex il-persuna tinzamm il-habs flimkien ma' l-isem, l-età, it-tul, il-piz, id-dehra generali, il-marki partikolari, jekk ikun hemm, in-nazzjonalità u d-denominazzjoni religjuza tal-prigunier flimkien ma' informazzjoni ohra dwar l-identità tal-prigunier u l-jum u l-hin tad-dhul tieghu.

(3) Prigunier ghandu mad-dhul jigi fotografat u ghandhom jittiehdu l-impronti digitali tieghu. Wara dan jistghu jittiehdu ritratti godda skond kif id-Direttur jara li jkun mehtieg. L-imsemmija ritratti, inkluzi n-negattivi u l-impronti digitali, ghandhom jigu mdahhla fir-*records* li jkollhom x'jaqsmu mal-prigunier…

(4) Ir-registru tad-dhul u *records* personali ohra, inkluzi r-records tal-proprjetà tal-prigunier, ghandhom jinzammu fiz-zgur fil-kustodja tad-Direttur. Il-kontenut taghhom ma ghandu jigi zvelat lil ebda persuna hlief bil-kunsens tal-prigunier innifsu, jew fuq l-ordni ta' l-Avukat Generali jew ta' qorti, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Ministru, jew bi twettiq ta' xi obbligu internazzjonali assunt mill-Gvern ta' Malta.

…

(6) Ghall-finijiet tar-regolament 2 u tar-regolament 61(1)(a), (b) u (c), il-prigunier ghandu jindika fil-hin tad-dhul tieghu fil-habs, fuq formula approvata mid-Direttur, id-dettalji dwar il-qraba vicini tieghu, liema dettalji ghandhom jinkludu l-ismijiet taghhom, l-indirizzi taghhom, u x-xorta ta' relazzjoni, u, jekk disponibbli, in-numri ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu taghhom u n-numri tat-telefon taghhom…

8. (1) …

(2) Kull flus jew oggetti ohra fil-pussess ta' prigunier li jkunu konnessi jew li jkunu ragonevolment issuspettati li jkunu konnessi ma' reat ghandhom jinghataw f'idejn il-Pulizija mid-Direttur sabiex jinghamel minnhom skond il-ligi. Jekk xi oggetti ohra fil-pussess ta' prigunier ikunu oggetti li jehzienu malajr jew ta' periklu, dawn ghandhom, fuq l-ordni tad-Direttur, jigu meqruda. Jekk prigunier idahhal mieghu fil-habs xi medicini d-Direttur ghandu jiddeciedi x'uzu ghandu jsir minnhom wara li jkun kiseb il-parir tat-Tabib tal-Habs.

(3) Kull haga, li ma tkunx flus, li ma taqax taht is-subregolament precedenti, kemm jekk migjuba mill-prigunier stess jew mibghuta jew migjuba lilu ghall-uzu tieghu waqt li jkun fil- habs, li, ghal xi raguni, ma tkunx permessa mid-Direttur li tinzamm mill-prigunier, ghandha tigi rtirata minghandu mid-Direttur u ghandha tigi registrata fl-inventarju ta' l-oggetti tal-prigunier li l-prigunier ikun mehtieg jiffirma wara li jkun inghata opportunità xierqa biex jara li jkun korrett. Dik il-proprjetà ghandha tinzamm ghall-prigunier fil-kustodja tad-Direttur sal-helsien tal-prigunier.

…

(6) Il-prigunier ghandu jinghata ricevuta ta' kull flus jew oggetti rtirati minghandu u ghandu jaghti ricevuta lid-Direttur meta jinghatawlu lura.

…

Quddiem dawn id-dispozizzjonijiet, it-Tribunal iqis li dak li xehdu d-diversi ufficcjali mhux necessarjament jirrifletti l-procedura li trid il-ligi. Fl-ebda stadju tal-proceduri odjerni xi xhud ma semma' li prigunier jigi fotografat kif lanqas ma ssemmew l-impronti digitali li l-ligi trid li jittiehdu mad-dhul tal-prigunier fil-habs. Bl-istess mod ma ssemmiex li l-pringunier jigi mitlub jelenka l-qraba tieghu. Lanqas ma jirrizulta mill-atti processwali xi kunsens tal-Attur qua prigunier, tal-Avukat Generali, tal-ministru jew ta' awtorita gudizzjarja sabiex jigi esibit id-dokument a fol 21, liema dokument huwa privileggjat skond l-istess Regolamenti tal-Habs. Fejn imiss ma' proprjeta, il-ligi hi cara dwar it-taghrif li ghandu jinzamm – kull haga, li ma tkunx flus u li ma tghaddix ghand il-Pulizija, u li ma tkunx permessa biex tinzamm mill-prigunier, ghandha tigi irtirata minghandu u ghandha tigi registrata. Dan jikkuntrasta ma' dak li xehed Abraham Zammit meta stqarr li meta jsir l-inventarju ma joqghodux iduru oggett oggett. Jikkontrasta wkoll ma' dak li xehed David Scerri (a fol 29) meta qal li fir-rigward tal-bagalja kienet saret ricevuta minnu, liema bagalja tinzamm f'post iehor ghad li r-Regolamenti tal-Habs ma jaghmlux distinzjoni bejn bagalji u oggetti ohra. It-Tribunal qies id-dokument (a fol 33bis u 40) liema dokument mhu xejn ghajr bicca karta bid-data ta' meta l-Attur gie ammess fil-Habs u bil-firma ta' CO119 li telenka hames oggetti inkluz basket ta' lewn ahmar. Fil-fehma tat-Tribunal dan id-dokument juri nuqqas ta' serjeta li hi mistennija minn istituzzjoni pubblika bhalma hi l-Habs.

Fil-fehma tat-Tribunal, in-nuqqas ta' tharis rigoruz tar-regolamenti da parti tal-awtoritajiet tal-Habs jista' facilment jaghti lok ghal abbuz u inkwiet. Certament li r-Regolamenti qeghdin fis-sehh sabiex jigu mharsa l-jeddijiet ta' prigunieri u sabiex jinzamm l-ordni. Mhemmx dubju li l-awtoritajiet tal-Habs huma responsabbli ghat-tharis tar-regolamenti, kif mhemmx dubju li mal-ammissjoni tieghu, prigunier jaqa' taht il-harsien u r-responsabilita tal-awtoritajiet tal-Habs. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "Vincent Chetcuti *vs* Direttur Generali tal-Habs *et*" deciza fl-1 ta' April 2014, "*persuna detenuta fil-Facilita` Korrettiva taht ordni ta' qorti, titqieghed taht il-kustodja tal-awtoritajiet governattivi kompetenti, u hu d-dmir ta' dawn li jagixxu* uti bonus paterfamilias."

Isegwi ghalhekk li n-nuqqas ta' tharis rigoruz tar-Regolamenti tal-Habs ghandu jqajjem presunzjoni kontra l-awtoritajiet u favur il-prigunier koncernat. Dan igib lit-Tribunal sabiex iqis jekk it-talba attrici gietx ippruvata jew le.

Korrettament, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, l-intimati jiccitaw l-Art. 562 tal-Kap. 12 fil-waqt li jghidu li l-*onus* tal-prova jmiss lil min jallega. Certament li dan il-principju hu ben risaput. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*).[1]
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.[2]

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5)

[2] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Zammit *vs* Joseph Hili" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577)

> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi ddecizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Naturalment, il-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.

Fil-kaz odjern madankollu, wiehed irid iqis li l-proceduri odjerni qeghdin jittiehdu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk huma regolati, principalment, bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att, fil-waqt li t-Tribunal huwa marbut bid-dettami tal-gustizzja naturali, "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-każ li jkun qed jittratta.*"[3] Fuq kollox, it-Tribunal huwa kostrett li jiddeciedi t-talbiet li jkollu quddiemu skond l-ekwita'.[4]

It-Tribunal iqis li prigunier ghandu mezzi limitati sabiex iressaq il-provi tieghu. Fuq kollox, iqis li kwalunkwe prigunier jifhem li jekk iressaq azzjoni li mhijiex ankrata fis-sewwa, jista' biss jaggrava l-pozizzjoni tieghu. Ghalhekk, iqis li ghandu jaghti certu piz lix-xhieda tal-Attur.

Mill-banda 'l ohra, minkejja li l-Konvenuti ressqu diversi xhieda, dawn ma rnexxilhomx jikkontradicu l-prova attrici. Vincent Vassallo[5] (a fol 18) u Ray Theuma (a fol 61) xehedu dwar il-proceduri li normalment jigu segwiti. L-istess ghamel David Scerri (a fol 29) li izda zied jghid x'gara mll-bagalja tal-Attur. Abraham Zammit (a fol 58) xehed dwar il-prassi tal-Habs u dwar l-investigazzjonijiet li saru wara li rcieva l-ilmenti tal-Attur. Helenio Galea (a fol 62) xehed li vverifika l-oggetti elenkati fir-registru li kopja tieghu tinsab a fol 21. Darren Scicluna (a fol 62) ghad li kkonferma li l-kitba a fol 32 hija tieghu, fil-waqt li jghid li hu jnizzel kollox, jghid ukoll li dan il-kaz ma jiftakrux. Is-Surgent Oscar Baldacchino (a fol 63) xehed li ma jiftakarx li kien eskorta lill-Attur sal-Habs fil-waqt li l-Ispettur Victor Aquilina (a fol 77) xehed li ma jiftakarx x'ikun gara ghad li jghid li kwalsiasi oggett ta' valur li jkollu fuqu persuna arrestata jigu konfiskati u taghhom tigi rilaxxjata ircevuta.

Li hu zgur minn dawn ix-xhieda hu li dak li stqarr Darren Scicluna u cjoe li hu jelenka kollox mhuwiex minnu u dan jirrizulta mill-fatt li fid-dokument a fol 32, fil-waqt li fejn id-data tad-29 ta' Awissu 2008 (u cjoe meta l-Attur gie ammess fil-Habs) jissemmew biss basket ta' lewn ahmar, cinturin, "*sun glass*" (sic), *shaver* u fwieha, u wiehed jifhem li dawn huma l-oggetti li kien hemm fil-bagalja, aktar 'l isfel hemm notament li jghid hekk: "*Taken today 23/10/08 2 chargers with Batterys* (sic)" u firma imbaghad "*CO 143 Noel to stay in Guard room in Major Denis Cassar* (sic)." Imbaghad aktar 'l isfel notament iehor li jghid "*03/10/08 Take from the Bag (sic) 1 Shaver – 1 Brush – 1 Comb – 2 Deodorants.*" Mhuwiex verosimili li meta l-Attur iddahhal il-Habs gie elenkat kollox, ghaliex jidher car li maz-zmien, mill-bagalja ttiehdu affarijiet li ma kienux originarjament elenkati.

[3] Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380
[4] Art. 7(1) tal-Kap. 380
[5] Prodott mill-Attur

Illi min-naha tieghu l-Attur xehed fid-dettall dwar dak li ghadda bejnu u l-awtoritajiet tal-Habs. Xehed li kellu jistenna xhur sakemm saru l-investigazzjonijiet. Jghid li xi gojjellerija tnehhiet mill-bagalja mal-ammissjoni tieghu fil-Habs gewwa l-Ufficcju tal-SRT u gie avzat li dawn l-oggetti kienu se jinzammu ghalihom. Xehed ukoll li mhux l-oggetti kollha li kellu fil-bagalja gew elenkati fl-ircevuta. Imbaghad jispjega kif wasal ghall-konkluzjoni li xi oggetti li kellu kienu ghebu. Jaghti valur lill-oggetti li jghid li huma neqsin izda ma jghidx kif wasal ghal tali cifri ghad li jghid "*These items were purchased outside of Malta and I do not have receipts of purchase however I am certain of their value*." Huwa sinifikattiv li ma jidhirx li in kontro-ezami saru domandi dwar il-valuri dikjarati.

Fir-rigward tar-rapport tal-Pulizija, prezentat mill-intimati (a fol 51) it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li mill-istess rapport jirrizulta li l-Pulizija gew mgharrfa f'Novembru 2013 meta fil-fatt, l-Attur kien ilmenta mal-awtoritajiet tal-Habs kwazi sena u nofs qabel. Dan il-fatt certament li jimmilita kontra l-istess awtoritajiet li kien dmir taghhom li jgharrfu lill-Pulizija minnufih.

Ikkunsidra;

Illi gjaladarba l-Attur irnexxielu jipprova li oggetti li huwa dahhal gewwa l-Habs ma jinstabux fil-kustodja tal-awtoritajiet, id-Direttur Konvenut ghandu jwiegeb ghal tali nuqqas.

Madankollu, it-Tribunal mhuwiex sodisfatt li l-ammont pretiz fil-fatt jirrifletti l-valur tal-oggetti neqsin. It-Tribunal jifhem li fic-cirkostanzi li jinsab fihom, l-Attur mhuwiex f'qaghda li jgib dokumentazzjoni li jsahhu dak li qieghed jghid. Izda huwa sinifikattiv li l-Attur lanqas ma xehed dwar il-kwalita jew il-piz tal-oggetti tad-deheb li jghid li kellu fuqu. Fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-fatt li dan it-Tribunal ghandu jaqta' l-kawzi li jkollu quddiem principalment skond l-ekwita, it-Tribunal iqis li l-ammont reklamat ghandu jigi temperat u ghalhekk se jilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500), liema ammont qed jigi likwidat *arbitrio boni viri*;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, in vista tal-fatt li l-Attur irtira l-kawza fil-konfront tal-Konvenut Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni u cjoe dik li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, fil-waqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati, u jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Spejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tal-Konvenut Direttur tal-Habs.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*